**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Frar 2020.**

**Rikors nru: 138/2019 AGV;**

**AB**

**Vs**

**CB**

**U**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**U**

**Kuraturi Deputati Dr. Joseph Brincat u P.L Doreen Aquilina sabiex**

**jirraprezentaw l-interessi ta' l-intimata (Dig:15/4/19 TM fl-atti 937/18)**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrent datat 3 ta' Gunju 2019 fejn espona bir-rispett;**

1. Illi r-rikorrenti iltaqa ma' CB fil-bidu tas-sena elfejn u sbatax (2017).

2. Illi ghal bidu ta' Marzu l-intimata kienet qaltlu illi hija qed tistenna tarbija minnu. Illi huwa kien kunxjentuz mill-fatt illi l-intimata kellha xi kumplikazzjonijiet tas-sahha qabel, ghalhekk ghamel fil-pront appuntament lil intimata ghand ginekologu tal-fiducja taghha sabiex jara illi kollox kien miexi sew;

3. Illi fit-26 ta' Marzu 2017 l-intimata marret ghal dan l-appuntament izda ma hallietx lir-rikorrent jidhol maghha;

4. Illi hekk kif harget mil-vizta hija urietu xi ritratti ta' l-*ultrasound* fejn ikkonfermatlu illi huma kienu ser isiru genituri u li kollox kien sejjer sew fil-gravidanza; (Dok. A)

5. Illi permess illi r-rikorrenti ma jafx jaqra, emmen kollox u ma kellux ghalfejn ikollu l-icken dubju li l-intimata setghat ma kienetx tqila f'dak il-mument;
6. Illi ghalhekk kien felici bl-akkadut u pproponilha fil-pront;

7. Illi fil-verita' dawn id-dokumenti juru biss illi l-intimata kellha cesta fuq naha minnnhom ta' l-utru u li ma kienetx fi stat interessanti;

8. Illi fl-ewwel ta' Mejju ta' 2017 wara illi ghal xahrejn shah baqghet tippretendi illi hija tqila u waqfet kull relazzjoni intima bejniethom hija qaltlu illi korriet;

9. Il-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom li ssehh fir-Registru Pubbliku nhar it-tletin ta' Gunju 2017(30/6/2017) (Dok B);

10. Illi iz-zwieg bejn il-partijiet baqa' ma giex ikkonsumat ghaliex l-intimata baqghet tghidlu illi ma setghatx minhabba illi kienet korriet tarbija;

11. Illi wara xahrejn biss miz-zwieg l-intimata qaltlu illi habib taghha kien gie *homeless* u ghalhekk xtaqet illi jmur joqghod maghhom sakemm jerga' iqum fuq saqajh;

12. Illi tajjeb li wiehed jghid illi sa dan il-mument l-intimata ma kienetx tahdem u ghalhekk dan l-inkonvenjent kellu jigi issopportat interament ghas-spejjez tar-rikorrent;

13. Illi din is-sitwazzjoni tant eskalat illi r-rikorrent spicca mhedded minn din il-persuna gewwa daru stess u spicca kellu jiehu passi ulterjuri mal-Pulizija Ezekuttiva anke fil-konfront tal-persuna;

14. Illi f' Marzu ta' 2018 hija abbandunat id-dar matrimonjali minghajr ma halliet rekapitu u qatghet kull kuntatt minn mar-rikorrenti;

15. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet konjugi B ma kienetx aktar possibli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi, infedeltajiet u finalment l-abbandun tal-familja da parti tal-konvenuta u b'hekk iz-zwieg taghhom tfarrak b'mod irrimedjabbli, u l-hajja konjugali hija impossibli anke ghal fatt illi hija abbandunat id-dar matrimonjali;

16. Illi r-rikorrenti ghamel diversi tentattivi ta' rikonciljazzjoni izda dawn ma tawx frott minhabba l-intransigenza tal-intimata;

17. Illi l-partijiet naqsu ukoll milli jaslu ghal separazzjoni bonarja bejniethom minhabba il-fatt illi l-intimata qatt ma attendiet ghas-seduti tal-medjazzjoni u l-abitazzjoni taghha hija skonoxxuta, u ghaldaqstant ir-rikorrent kellu jintavola proceduri odjerni;

18. Illi r-rikorrenti gie debitament awtorizzata minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedi b'din il-kawza u dan skond l-istess digriet moghti minn din l-istess Qorti datat hmistax ta' April elfejn u dsatax.(**Dok C) u** fejn gew appuntati id-deputati kuraturi **Dr. Joseph Brincat u P.L Doreen Aquilina** ghall-assenti intimata.

Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant jghid ir-rikorrenti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

**1.** Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-konjugi minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi da parti tal-intimata CB lejn zewgha AB.

**2.** Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn iz-zewg partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati porzjon

wiehed lill-attur u l-iehor lill-intimata, okkorendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fl-istess att.

**3.** Tikkundanna lill-intimata tirritorna lill-attur l-assi parafernali kollha tieghu.

**4.** Tapplika kontra l-intimata is-sanzjoniet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u 51 tal-kodici Civili.

**5.** Tawtorizza lil-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 24 ta' Lulju 2019 fejn eccepixxa:-**

1. Illi preliminarjament l-esponenti jeccepixxi illu huwa ma ghandu l-ebda rwol fir-firda personali ta' bejn il-partijiet, salv ghar-registrazzjoni tas-sentenza finali u dan ai termini tal-artikolu 62 A, tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex b' hekk tali seperazzjoni jkollha effett kontra terzi.

2. Illi bla hsara ghal premess, l-esponenti jecepixxi illi hu ma huwiex edott mill-fatti hekk kif iddikjarati fir-rikors guramentat.

3. Illi in vista tal-premess, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, salv illi huwa ma jigix soggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti stante, illi huwa mhux parti centrali f' tali azzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr. Joseph Brincat u PL. Doreen Aquilina li eccepew:-**

1. Illi it-talbiet ghas-separazzjoni huma fondati, u ghandhom jigu milqugha kemm-il darba l-kontro-talba li qed tigi proposta tigi michuda;
2. CB mhix qed tikkontesta l-fatti li semmew fir-rikors guramentat;

**Giet prezentatata kontro-talba tal-kuraturi deputati gja' imsemmija.**

1. Illi mill-fatti elenkati ir-rikors guramentat tal-attur jirrizultaw mhux biss l-elementi biex tigi dikjarata s-seperazzjoni bejn il-konjugi, imma aktar u aktar li l-istess zwieg, ghandu jigi dikjarat null u bla effett.

2. Issir referenza ghall-paragrafu 8 sa 15 tar-rikors tal-istess attur rikonvenzjonat.

3. Illi minn dan jirrizulta li tezisti aktar minn ipotesi wahda ghala z-zwieg huwa null u bla effett u cioe' dak li jissemma' fl-Artikolu 19 tal-Kap 255 paragrafi (c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra, li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga, (d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mil-partijiet ikun vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq d-drittijiet u dmirjiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, (f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posizittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi

wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghal-att taz-zwieg.

4. Japplika ukoll l-artikolu 19 A (1) taz-zwieg mhux kunsmat.

**Ghaldaqstant, jintalab bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tikkunsidra fl-ewwel lok u tiddikjara:-**

1. Illi l- hekk imsejjah zwieg bejn il-partijiet, huwa ghal ragunijiet premessi null u bla effett.

Bl-ingunzjoni tal-attur rikonvenzjonat.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat li l-attur ipprezenta nota ta' cessjoni fil-konfront tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**<u>FATTI</u>**

L-attur kien iltaqa' mal-konvenuta li kienet *homeless* u kien thassarha ghax kienet qaltlu li s-social workers kienu hadulha z-zewgt itfal u ma kellhiex fejn tmur toqghod. Dan kien f'Jannar, 2017.

Kien krielha appartament u ftit wara mar ighix maghha u kien talabha turih rispett, peress li kien hemm zmien meta kienet tahdem fit-triq. F'Marzu, 2017 kienet qaltlu li kienet tqila u kien hadha ghand it-tabib, pero' ma kinitx hallietu jidhol maghha. Meta harget kienet urietu l-ultrasound u kien emmen dak li qatlu peress li ma kienx jaf jaqra u jghid li kienu ferhanin hafna. Fil-fatt, kien zamm dawn l-ultrasounds u kien anke mar xtara pram u siggu ghat-tarbija bhala sorpiza.

Ighid li dak iz-zmien kien jahdem fil-gebel u kien anke jahdem part-time. Il-konvenuta ma kinitx tahdem u kien ighaddilha l-flus biex issajjar. Ighid li fil-weekend kien johrogha biex tixtri l-hwejjeg. Kien anke xtara karozza komda minhabba t-tarbija u beda jhallasha bin-nifs.

Jispjega peress li l-konvenuta kienet tghidlu li tibza' li tista' tkorri t-tarbija, ma kienx ikollhom relazzjonijiet intimi. Fl-1 ta' Mejju, 2017 kien sejjer xoghol, meta l-konvenuta kienet qaltlu li kienet korriet it-tarbija, meta qatt ma kienet tqila. Biex itaffilha d-dwejjaq kienu zzewwgu civilment fit-30 ta' Gunju, 2017. Xorta l-konvenuta kienet tevita r-relazzjonijiet intimi, ghax kienet tatu l-iskuza li peress li kienet korriet, issa kienet tibza' li jaqbabdha infezzjoni. Kienu johorgu fil-weekends u kienu jiltaqghu ma' hbiebha u peress li kollha kienu homeless jew ighixu go xi homes, kien jispicca jhallas kollox hu.

Imbaghad kien hemm zmien meta dahlet habib taghha jghix maghhom, peress li z-zmien tieghu l-YMCA kien skada. L-attur ighid li kien kontra dan u kien beda jilmenta mal-konvenuta biex dina l-persuna titlaq. F'dan iz-zmien, il-konvenuta bdiet titraskura d-dar. Kien hemm hafna hmieg, lanqas kienet qed issajjar u lanqas tahsel hwejjeg. Spicca gie fl-idejn ma' dan ir-ragel u tressaq il-Qorti, ghalkemm gie liberat.

Minn dan iz-zmien 'l hemm, il-konvenuta kienet tqatta' aktar hin barra mid-dar u bil-kemm kienet tkellmu u damu sejrin b'din it-tip ta' hajja ghal xi sitt xhur, sakemm f'Marzu, 2018 ma rritornatx lura d-dar. Minhabba f'hekk kien waqqaf il-kera tal-appartament u kien mar ighix man-nanniet tieghu. Kien anke spicca bid-dejn tal-karozzi u mar jahdem ma' huh sabiex jaqta' d-dejn.

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti jghid li kien ihallas l-assikurazzjoni tal-vetturi li kellhom, anke tal-konvenuta peress li dawn ma hallsithomx u l-vettura

kienet spiccat mitluqa r-Rabat u ma kellux cwievet. Tieghu rritornaha ghand id-dealer u hallas bil-mod sakemm damet ghandu l-vettura.

Ighid li flus il-bank ma kienx hemm u li lanqas kien hemm proprjeta' parafernali.

Il-konvenuta, filwaqt li tikkonferma dak li xehed l-attur, tikkonferma li dan iz-zwieg ma kienx gie kkunsmat peress li kien hemm ragunijiet medici ghalfejn ma kinux intimi. Tghid li wara l-firda marret tghix Ghawdex.

## KONSIDERAZZJONIJIET

## SEPARAZZJONI

L-attur ipprezenta t-talba ta' separazzjoni tieghu u bbazaha fuq l-abbandun, kif ukoll fuq sevizzi, eccessi, minacci u offizi gravi.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz.***"

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi***

***sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti

bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz.***"

Il-konvenuta qatt ma kienet onesta mal-attur, wara li kien generuz maghha. Kienet l-ewwel qaltlu li kienet qed tistenna tarbija minghandu u mbaghad bdiet tevita kull relazzjoni intima mieghu billi tghid li kienet qed tipprova tevita li jkollha infezjoni. S'hawn l-attur kien pacenzjuz, izda meta dahlet lil xi ragel ighix maghhom, bdiet tinsultentah u taqbez ghalih, minflok qabzet ghal zewgha u dan anke meta spiccaw gew fl-idejn.

Din it-tip ta' hajja kienet wahda regolari li kien qed ighix l-attur, fejn il-konvenuta ma kinitx tqis u tirrispetta lill-attur u dan kien jigri ripetutament, tant li l-attur kien spicca vittma ta' dan kollu.

Ghalhekk jezistu ragunijiet sufficjenti li jattribwixxu tort fuq il-konvenuta peress li rrendiet ruhha hatja ta' sevizzi u eccessi.

**ABBANDUN**

Illi hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament preseduta sostniet illi:-

***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun***

***qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."***

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino,** insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: ***"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva."***

Wara li l-attur gabar lill-konvenuta u sahansitra kera post sabiex ikollha fejn tghix u mantniha, minn Marzu, 2018 ma regghetx marret lura d-dar. Kienet gabet habib taghha mill-YMCA u kien qed ighix maghhom. Wara li nqala' d-dizgwid bejn l-attur u dan ir-ragel, il-konvenuta kienet qed tqatta' hafna hin barra mid-dar, sakemm ma maritx lura.

Ghalhekk minkejja li jezistu certi estremi sabiex jigi ssoddisfatt l-abbandun, jirrizulta li m'ghaddewx sentejn u dan peress li mill-provi jirrizulta li l-konvenuta kienet telqet mid-dar matrimonjali f'Marzu, 2018.

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Mill-provi fattwali ma jirrizultax li kien hemm xejn li jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti hlief ghall-vettura li spicca jhallas id-dejn fuqha ghax il-konvenuta ma hallsitix u spiccat mitluqa. Hu kien hallas id-dejn fuq il-vettura li kellu sakemm damet ghandu u rritornaha d-dealer.

## ANNULLAMENT

Il-konvenuta, fil-kontro-talba taghha qiedgha titlob in-nullita' taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 19A tal-Att Dwar iz-Zwieg peress li dan iz-zwieg qatt ma gie kkunsmat.

L-Artiklu 19A jikkontempla s-segwenti:-

***"(1) Zwieg validu jista' jigi annullat fuq talba ta' parti mizzewwga wahda minhabba li l-parti l-ohra tkun irrifjutat tikkonsma l-istess zwieg."***

U l-Artikolu 19A (3) ikompli jghid hekk:-

***"Azzjoni ghall-annullament ta' zwieg taht dan l-artikolu ma tistax tigi istitwita qabel ma jiskadu tliet xhur mid-data tac-celebrazzjoni taz-zwieg."***

Mill-bidu tar-relazzjoni taghhom, il-konvenuta kienet gieghlet lill-attur jemmen li kienet qed tistenna t-tarbija tieghu. Kienu marru ghand il-ginekologu izda ma kinitx halliet lill-attur jidhol maghha. Minhabba li kienet tibza' li tkorri t-tarbija, kienet talbitu biex ma jkollhomx relazzjonijiet intimi. Ftit xhur wara qaltlu li kienet korriet it-tarbija u ghal darb'ohra ma riditx relazzjonijiet intimi ghax kienet qalet lill-attur li kienet tibza' minn xi infezzjoni. Sa meta telqet l-attur jikkonferma li ma kienux ikkunsmaw dan iz-zwieg u dan huwa kkorroborat mill-konvenuta.

Peress li l-kontendenti zzewwgu fis-sena 2017 jirrizulta li l-kawza nfethet ferm aktar tard mit-tlett xhur li tirrikjedi l-ligi u ghaldaqstant dina d-disposizzjoni tal-ligi giet soddisfatta ukoll.

Mill-atti jirrizulta li l-partijiet jaqblu dwar in-nuqqas ta’ konsumazzjoni taz-zwieg, u mhux qed jinsistu dwar it-talbiet ghas-separazzjoni. Ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors promotur tal-attur u tikkonsidra biss it-talba ghall-annullament. In vista tal-fatti kif esposti, il-Qorti hi tal-fehma li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:-

Filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici;

Fil-konfront tal-kontro-talba, li tirrizulta inkontestata, tilqa’ t-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u tiddikjara li z-zwieg null ai termini tal-Artikolu 19A tal-Att Dwar iz-Zwieg.

L-ispejjes ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef** **Deputat Registratur**